**Kunsill Lokali Paola**

Ref: 39/6/194/14

**Minuti tal-Laqgħa Nru. 39**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċini amministrattivi, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju 2014. Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-Kunsilliera Rita Delezio, il-Kunsillier Tyrone Muscat, il-Kunsillier Renald Dalli u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Neil Joseph Tirchett.

Il-Kunsilliera Steven Axisa kien skużat.

Kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Kurt Scerri.

## 1. Ħatra tal-Kunsillier Sur Renald Dalli

1.1. Fid-dawl tar-riżultat ta' l-elezzjoni każwali li seħħet it-Tlieta, 8 ta' Lulju, 2014,wara ir-riżenja tal-Kunsillier Ing. Ray Attard, is-Sur Renald Dalli ħa il-ġurament tal-ħatra tiegħu fil-bidu ta' din il-laqgħa quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Ian Micallef.

1.2. Hawnhekk is-Sindku filwaqt li irringrazzja lil Ing. Ray Attard tal-ħidma tiegħu fi ħdan il-Kunsill Lokali Paola, awgura lis-Sur Renald Dalli ħafna ħidma siewja għall-ġid tal-lokalita ta' Paola.

1.3. Is-Sindku qal illi s-Sur Renald Dalli ser ikun inkarigat mill-proġetti ta' l-EU kif ukoll mill-Edukazzjoni.

## 2. Minuti

2.1. Minuti tal-Laqgħa Nru. 36 tas-Sitt Leġislatura
Il-Viċi Sindku xtaq jikkoreġi numru 2.10. Huwa stqarr illi ma kienx qal li l-ħwienet għandom ikollhom kuntrattur privat iżda illi għalkemm il-Kunsill Lokali Paola qed jiġbor dan l-iskart u mhux obbligat jagħmel dan, dawn is-sidien tal-ħwienet mhux jikkoperaw mas-sistemi li jopera il-Kunsill Lokali f'dan ir-rigward.

2.2. Minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 37 tas-Sitt Leġislatura
Il-Kunsill Lokali Paola approva dawn il-minuti *nem con.*

2.3. Minuti tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 38 tas-Sitt Leġislatura
Il-Kunsill Lokali Paola approva dawn il-minuti *nem con.*

## 3. Korrispondenza

3.1. Ittra mingħand l-Avukat Michael Sciriha għan-nom tas-Sur Francis Stabile li jixtieq jagħmel pletform fejn l-istabbiliment tiegħu *Taste Snack Bar* fi triq Paola Hill. Huwa talab *no objection letter* mingħand il-Kunsill Lokali Paola sabiex issir din il-pletform wara li ġie mitlub dan id-dokument mill-Mepa. Il-Kunsill Lokali Paola qabel unanimament abbażi tal-permess li inħareġ minn Transport Malta nhar l-14 ta' Jannar 2014 b'referenza 45/TM/12/18, jagħti din in-*no objection.*

3.2. Ittra mingħand l-Avukat Victor Bugeja għan-nom ta' Emanuel Spiteri sabiex jitneħħa minn *black-listed* u jkun jista' japplika għal tenders maħruġa mill-Kunsill Lokali Paola. Hawnhekk is-Sindku Roderick Spiteri ħareġ mil-laqgħa minħabba konflitt ta' interess u familjari fl-isfond tas-Sur Emanuel Spiteri. Il-membri l-oħra iddiskutew din il-materja u hawnhekk il-Viċi Sindku sostna li fil-leġislatura preċedenti kienu iċċekjaw u sabu li s-Sur Spiteri ma kienx *black-listed.* Dan il-ħsieb ġie ssekondat mill-Kunsillier Renald Dalli però għal dan il-Kunsilliera Delezio sostniet li wara diskussjonijiet ma' l-istess Emanuel Spiteri huwa kien qalilha li hu kien ta' l-impressjoni li kien *black-listed*. Il-Kunsill qabel unanimanent illi għandu jitlob lil avukat tal-kunsill sabiex jinforma lil avukat tas-Sur Spiteri li huwa m'huwiex *black-listed* mill-Kunsill Lokali Paola u jista' japplika għal-kull offerta maħruġa mill-Kunsill.

3.3. Ittra mibgħuta mingħand is-Sur George Glanville li qed jissuġġerixxi li Triq il-Wied quddiem il-klabb tal-boċċi għanda tissemma Triq il-Biċċerija l-Qadima sabiex tfakkar il-biċċerija li kienet hemm u ingħalqet lura fis-snin 70. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta għaliex dan seta' joħloq preċedent fejn jinbidlu diversi ismijiet ta' toroq preżenti meta dan kien tiġa ġie rrifjutat mill-awtoritajiet fis-snin ta qabel. Il-Kunsill sostna li huwa jagħti ismijiet ta' toroq ġodda u mhux ibiddel dawk eżistenti.

3.4. Ittra mingħand is-Sur Francis Farrugia li joqgħod fit-triq is-Sultan fejn qed jilmenta mill-periklu li qed jinħoloq mill-parkeġġ quddiem id-dar tiegħu. Huwa sostna li dan qed joħloq ċertu diffikultajiet fid-dawl ta' l-anzjanità tiegħu u tal-mara u qed jitlob li dan il-*parking bay* jew jitneħħa, jersaq aktar l-isfel jew issir bay għal muturi. Is-Sindku kompla billi is-Sur Farrugia kien tkellem miegħu personalment u fost l-oħrajn spjega kif is-Sur Farrugia jibża mill-fatt li n-nies jistgħu jinħbew wara vannijiet li qed jipparkjaw quddiemu. Is-Sindku qal li kien għamel kuntatt mal-Pulizija għan-nom tas-Sinjur u l-Pulizija osservaw l-area għal diversi ġranet u ma sabu l-ebda periklu. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku li tintbagħat ittra lil Transport Malta bħala l-awtorità responsabbli u naraw x'possibiltajiet hemm biex għallinqas il-parking bays jimxu l-isfel.

Il-Kunsillier Lynch kompla billi qal li importanti ma jinħoloqx preċedenti fejn dak li jkun joqgħod jitlob li jitneħħew l-parking bays minn wara l-bibien tan-nies.

3.5. Ilment mingħand residenti ta' Triq Lampuka fejn qed jitolbu li fid-dawl li triq tagħhom ġiet one-way, jiżdied parking bay fit-tarf tat-triq qabel ma toħroġ għal Triq Żabbar. Apparti li tiżdied din il-parking bay, il-Kunsill Lokali qabel ukoll li għandu isir *traffic junction improvment* fil-parti fejn Triq Stivala t'iltaqa' ma Triq Lampuka u li tagħti għala triq Żabbar.

3.6. Ittra mingħand is-Soċjetà Filarmonika Fra Antoine De Paule Banda Kristu Re fejn qed tirringrazzja lil Kunsill Lokali Paola tal-koperazzjoni li kien hemm qabel u waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Festa ta' Kristu Re 2014.

3.7. *Mid-Year Report* tal-GreenPak dwar skart riċiklabbli miġbur mill-lokalita ta' Paola fejn qed jidher li bejn Ġunju 2013 u Ġunju 2014 żdied b'33.48 tunellati l-iskat riċiklabbli miġbur mill-lokalita. Is-Segretarju kompla billi żied illi ir-residenti qed jirrikorru għand il-Kunsill Lokali sabiex jiġbru il-boroż il-ħodor u dan qed jidher fl-ammont ta' skart riċiklabbli li qed jinġabar. Il-lokalita ta' Paola issa tinsab fis-26 post mill-Kunsilli Lokali li qed joperaw mal-GreenPak u mhux fl-aħħar post kif kien qed isir fis-snin ta' qabel. Is-Segretarju fakkar li dan ir-rapport qiegħed preżenti fil-foyer tal-Kunsill maġenb it-tifkira (trophy) li rebaħ il-Kunsill Lokali Paola grazzi għall-improvment li sar tul is-sena 2013, sabiex ir-residenti ikunu jafu b'din l-informazzjoni. Dan qed jitwassal ukoll fuq il-Facebook tal-Kunsill.

3.8. Is-Segretarju ippreżenta kont tat-telefon tal-Kunsill fejn jidher li wara l-eżerċizzju li sar lura għal April 2014 fejn inbidel il-package li kellu l-Kunsill mal-kumpanija Ozone u sar aktar kontroll dwar l-użu ta' telefon, hemm differenza pożittiva fil-kontijiet kif jidher hawn taħt:

| | **2013** | **2014** |
|---|---|---|
| Mejju | 621.92 | 218.87 |
| Ġunju | 440.36 | 210.49 |
| Lulju | 468.58 | 218.01 |

3.9. Ittra mibgħuta mingħand Sinjura Bugeja dwar ġiti ta' ġurnata lejn Sqallija kif ukoll ittra mingħand *Heritage Malta* dwar ħarġiet kultura li jistgħu isiru għar-residenti. Din il-korrispondenza għaddiet għand il-Kunsillier Lynch bħala il-Kunsillier responsabbli mill-attivitajiet sabiex ikun jista' jistaqsi aktar dwarhom. Is-Segretarju issuġġerixxa li ssir attività għal Jum l-Anzjani bejn in-Nanniet u n-Neputijiet.

3.10. Ittra mibgħuta mingħand Sinjura Annie Cassar mill-*Malta Dance Sport Association* dwar klassijiet ta' fitness għat-tfal. Is-Sindku tkellem fid-dettall dwar din il-korrispondenza wara l-laqgħa li sargħet ma' l-istess assoċjazzjoni. Din l-ittra titkellem dwar proposta fejn it-tfal ta' l-iskola jibdew jattendu għal xi tip ta' *Fitness Classes* fil-bini tal-Kunsill jew inkella fi Ġnien Pawlu Boffa. L-idea hija li wara l-iskola dawn jieqfu għal siegħa ta' eżerċizzju u jħallsu rata żgħira sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispiża tal-*instructors*. Jekk jattendu 30 tifel/tifla iħallsu Euro12 għal tnax il-ġimgħa sħaħ b'żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa. Dwar dan il-Kunsillier Dalli żied illi huwa qed jipproponi wkoll illi l-Kunsill Lokali Paola jerġa jibda l-klassijiet tal-homework fejn ikun hemm għalliema fil-Kunsill jgħinu lit-tfal fil-homework wara l-iskola. Dwar dan kollu il-Kunsill qabel li għanda issir laqgħa mas-Surmast il-ġdid ta' l-iskola.

3.11. Tlett kwotazzjonijiet dwar l-istatwa li kienet proposta mill-Kunsillier Muscat. Huwa informa lil mejda li wara li kien hemm qbil f'laqgħa preċedenti illi jinġabru kwotazzjonijiet sabiex issir statwa tad-Duluri qabel ma tidhol fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, huwa kien qed jippreżenta dawn il-kwotazzjonijiet:

- Alfred Camilleri Cauchi – Euro14,000
- Lawrence Attard – Euro 9,000
- David Brincat – Euro 3,500

Wara li ta spejga dwar dawn l-offerti, il-Kunsillier Muscat qal li xtaq li ssir din l-istatwa minħabba it-talba li kellu minn diversi persuni li ma jidħlux fiċ-ċimiterju għax jiddejqu però xtaqu li għallinqas ikun hemm din l-istatwa imsemmija fil-bieb. Il-Viċi Sindku żied illi m'huwiex ċar l-art barra iċ-ċimiterju hijiex responsabbiltà tal-Kunsill Lokali Paola u sostna li jekk għandu isir monument isir fil-qalba tar-raħal. Is-Sindku żied illi filwaqt li jikkonferma li kien hemm il-ħsieb li ssir din l-istatwa qatt ma basar li l-ispiża kienet ser titla daqshekk u għalhekk kien tajjeb li l-Kunsillier Muscat ġabar il-kwotazzjonijiet. Is-Sindku żied li filwaqt li jasal jaqbel li ssir din l-istatwa, sostna li hemm postijiet aktar importanti fejn jintefqu l-flus. Il-Kunsill Lokali iddiskuta jekk għandiex issir din l-istatwa abbażi tal-kwotazzjonijiet ppreżentati u qabel li din m'għandiex issir. Is-Sindku kompla u qal li ser jipprova isib mezzi oħra sabiex issir

din l-istatwa bħall-awtoritajiet taċ-ċimiterju jew l-Mcast Art & Design, sabiex jara hux possibbli li jagħmlu din l-istatwa huma.

3.12. Ittra mibgħuta mill-Kunsilliera Rita Delezio u Tyrone Muscat sabiex terġa tiġi diskussa il-possibilità li terġa titpoġġa l-irħama li tfakkar il-ftuħ ta' Ġnien Pawlu Boffa. Is-Sindku qal illi peress din il-materja kienet diskussa f'laqgħa preċedenti fejn il-Kunsill Lokali qabel li din ma terġax teħel, ma tistax terġa tiġi diskussa qabel sitt xhur mid-data tal-laqgħa li fiha ittieħdet id-deċiżjoni. Is-Segretarju kompla billi ikkwota l-Ordnijiet Permanenti mnissla fl-Att 363 fis-Sitt Skeda u qal li sabiex tiġi mħassra resoluzzjoni tal-Kunsill iridu jgħaddu sitt xhur jew inkella wara li jkun hemm resoluzzjoni speċjali. Is-Segretarju spjega li dan ifisser li sabiex tiġi terġa tiġi diskussa din il-materja qabel is-sitt xhur, l-ewwel il-Kunsilliera iridu jiddeċiedu jekk id-diskussjoni għandiex issir jew le. Jekk il-Kunsilliera jaqblu li din il-materja tiġi diskussa umbagħad trid tiġi ppreżentata mozzjoni li tistipula dan u tkun iffirmata minn żewġ persuni. Għalhekk is-Segretarju innota li l-ewwel għandu jittieħed vot sabiex jiġi deċiż jekk din il-materja għandiex terġa tiġi diskussa fil-Kunsill. Il-Kunsilliera Lynch, Delezio u Muscat qablu li din il-materja għanda tiġi diskussa, filwaqt li Grima, Dalli u s-Sindku ma qablux. Fid-dawl ta' dan is-Sindku talab għal Casting Vote u minħabba l-fatt li kien hemm il-maġġoranza tal-kunsilliera preżenti waqt il-laqgħa li talbu li terġa tiġi diskussa, kien hemm deċiżjoni li din terġa tiġi diskussa (wara li tasal għand is-segretarju il-mozzjoni dwar dan iffirmata minn żewġ kunsilliera).

## 4. <u>Impjegati tal-Kunsill</u>

4.1. Is-Segretarju informa lil mejda li l-Kunsill Lokali Paola irċieva applikazzjoni waħda għall-impjegat fi Skala 13 mingħand is-Sinjura Josephine Camilleri, wara li f'laqgħa preċedenti kien hemm qbil li toħroġ sejħa interna. Il-Kunsill Lokali qabel li Sinjura Josephine Camilleri titla għal Skala 13 b'effett mill-1 ta' Settembru 2014.

4.2. Dwar is-sejħa għal impjegat fi Skala 15, is-Segretarju informa lil mejda li wara li sargħet sejħa fil-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex u ħadd ma applika, din is-sejħa għaddiet għand l-ETC. Is-Segretarju żied li irċieva diversi applikazzjonijiet u talab li jifforma Bord ta' l-intervisti sabiex jiddiskuti dawn l-applikazzjonijiet u jagħmel l-intervisti meħtieġa. Il-membri fuq dan il-bord ser ikunu is-Sindku Roderick Spiteri, il-Viċi Sindku Domnic Grima u l-Kunsilliera Steven Axisa u Rita Delezio.

## 5. <u>*Upkeep and Maintenance of Soft Areas in an Environmentally Friendly Manner* Tender</u>

5.1. Is-Sindku informa lil mejda li wara li nħatar Bord ta' Evalwazzjoni marbut ma dan it-tender saru żewġ laqgħat u sar ukoll Rapport ta' analiżi dettaljat mis-Segretarju li ikkompara l-offerti kollha. Il-Bord ta' Evalwazzjoni issuġġerixxa illi dan it-tender jingħata lil ELC ltd u l-Kunsill Lokali approva b'mod unanimu.

## 6. <u>Traffic Marking Signs</u>

6.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni dwar iż-żebgħa li ssir fit-toroq ta' Paola u qal li is-Sur Alfred Portelli (impjegat taħt l-iskema IPSL), li huwa responsabbli minn dan ix-xogħol, joħroġ bil-pensjoni is-sena d-dieħla u għalhekk ippropona li l-Kunsill Lokali Paola jibda jaħseb biex joħroġ tender għal dawn ix-xogħolijiet.

6.2. Dwar dan il-punt il-Viċi Sindku sostna li huwa importanti li tingħata attenzjoni speċjali fejn jidħlu *stop-signs* u *żebra crossings*. Huwa importanti li jkun hemm skeda ta' xogħolijiet mhux kollox isir skond il-mument.

6.3. Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett il-Kunsill qabel li jibda l-proċess sabiex jinħareġ tender għall-marki taż-żebgħa tat-traffiku fil-lokalita.

## 7. <u>Indafa fil-Lokalita-Skart miġbur mill-ħwienet</u>

7.1. Is-Segretarju informa lil membri li wara li l-materja ta' l-iskart ġiet diskussa fil-laqgħa 36 huwa pprepara din l-ittra (annessa mal-minuti) sabiex tintbagħat lil ħwienet. Il-Kunsill Lokali qabel mal-kontenut ta' din l-ittra u mal-formola li ser tintbagħat fejn qed jintalbu dettalji mingħand is-sidien tal-*bars*, *take-aways*, *kiosks u restaurants* dwar kif qed jittrattaw l-iskart tagħhom. Dawn l-ittri għandom jitqassmu *by-hand* u jaslu lura mimlija għand il-Kunsill sal-11:00am ta' 9 ta' Settembru 2014.

7.2. Is-Sindku kompla billi iċċara li għall-finijiet tal-liġi, il-ħwienet li jipprovdu l-ikel għandom ikollhom kollettur privat u li jiftehmu miegħu il-frekwenza ta' meta jinġabar l-iskart minn ġewwa l-*premises* tagħhom. Kompla billi żied li bħala Kunsill Lokali nonfqu tiġa eluf ta' Euros biex jinġabar l-iskart però mhux permettibli li tara l-ħwienet joħroġu l-iskart wara l-ħin li jinġabar.

7.3. Rigward is-Suq is-Segretarju spjega li dawn ġew mogħtija ittra mingħand il-Kunsill u iffirmaw li huma irċevewha. Dan l-ittra kienet qed tfakkar fl-obbligu legali li għandom

il-bejjiegħa li jnaddfu l-post u jieħdu l-iskart tagħhom lura magħhom. Is-Sindku kompla billi informa lil membri li filwaqt li hemm diversi bejjiegħa li qed jikkoperaw hemm uħud li mhux jikkoperaw. Is-Sindku żied li sfortunatament billi is-sistema tal-*wardens* bħalissa mhux qed topera b'mod tajjeb huwa diffiċli li jsir infurzar tajjeb. Is-Sindku informa lil mejda illi jekk mhux ser isib il-koperazzjoni tal-bejjiegħa dwar dan huwa jkun lest li jipproponi li s-suq jingħalaq.

7.4. Wara diskussjoni dwar il-ġranet tal-ftuħ kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li dawk li qed jarmaw nhar ta' Tnejn u nhar ta' Tlieta jitwaqqfu milli jagħmlu dan minħabba li l-permess tal-monti huwa mil-Erbgħa sas-Sibt. Kien hemm qbil ukoll li tinġabar stima ta' CCTV cameras għal fuq is-Suq.

7.5. Dwar l-iskart tar-residenti is-Segretarju informa lil mejda li huwa talab lil kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart sabiex jagħmel eżerċizzju ta' moniteraġġ ta' min qed joħroġ il-borża is-sewda nhar ta' Tlieta. Il-Kunsill qabel illi għanda tintbagħat ittra lir-residenti li mhux qed jikkoperaw filwaqt li aktar il-quddiem jintbagħatu il-*green wardens* għal min jibqa' ma jikkoperax.

## 8. <u>Bini mill-ġdid ta' bankini u Rampa ta' Lourdes</u>

8.1. Is-Sindku issuġġerixxa lil membri li għanda tinbena mil-ġdid il-bankina fi Triq Żabbar mis-Super Sound sas-sorijiet ta' St. Joseph fiż-żewġ partijiet tat-triq minħabba li din tinstab fi stadju ħażin ħafna. Il-Viċi Sindku kompla billi qal li l-kurduna ta' din il-bankina qeda għolja żżejjed ukoll però żied li naħa ta' Salvu Bar għada tajjeb. Il-Kunsill Lokali qabel li għandu jitqabbad il-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel stima kompluta tax-xogħol li hemm bżonn isir biex jinbidlu dawk il-bankini umbagħad il-Kunsill jiddeċiedi liem parti minn dawn il-bankini isiru.

8.2. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill Lokali Paola kien applika għall-proġett A+ *Accessability Award* fejn kien hemm qbil f'laqgħa preċedenti (nr. 34) li ssir rampa maz-zuntier tal-Knisja ta' Lourdes. B'din ir-rampa il-Kunsill applika għal din l-iskema fejn iżżid l-aċċessibilita. Il-Kunsill Lokali approva li tinġabar stima sabiex isir ix-xogħol però il-Kunsillier Renald Dalli sostna li qabel isir ix-xogħol l-ewwel naraw jekk iz-zuntier hux propjetà tagħna jew tal-Knisja. Is-Sindku aċċerta lill-mejda li z-zuntier huwa responsabiltà tal-Kunsill u qed isiru diversi talbiet mill-parroċċa relatat ma dan iz-zuntier.

## 9. Approvazzjoni ta' l-iskeda ta' Pagamenti.

9.1. Il-Kunsill Lokali approva l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 39 minbarra l-pagament nru 109 lil Mdina Glass Ltd. minħabba żball li kien hemm fl-invoice.

## 10. Ħwejjeġ oħra

10.1. Is-Sindku informa lil membri li s-Segretarjat Parlamentari għas-saħħa talab li l-Kunsill Lokali Paola joffri spazju sabiex issir *Breast Feeding Room*. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għanda tingħata il-kamra vojta u bla użu li hemm fit-tieni sular tal-bini tal-Kunsill.

## 11. Aġġornament

11.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7.45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 9 ta' Settembru 2014.

Approvati llum 9 ta' Settembru 2014.

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Roderick Spiteri
Sindku